

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/2163**tal-20 ta' Novembru 2017****li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (2) Wara li ġew organizzati mill-Federazzjoni Russa elezzjonijiet tal-gvernaturi fil-belt annessa illegalment ta' Sevastopol fl-10 ta' Settembru 2017, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li tizzied persuna mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (3) Jenħtieġ li l-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuna elenkata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandha tizzied mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2017.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. REPS

⁽¹⁾ ĠUL 78, 17.3.2014, p. 16.

ANNEX

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"161.	Dmitry Vladimirovich OVSYANNIKOV (Дмитрий Владимирович Овсянников)	Data tat-twelid: 21.2.1977 Post tat-Twelid: Omsk, USSR	<p>"Gvernatur ta' Sevastopol".</p> <p>Ovsyannikov ġie elett bħala l-"Gvernatur ta' Sevastopol" fl-elezzjonijiet tal-10 ta' Settembru 2017 organizzati mill-Federazzjoni Russa fil-belt annessa illegalment ta' Sevastopol.</p> <p>Fit-28 ta' Lulju 2016, il-President Putin ħatru bħala Aġent "Gvernatur ta' Sevastopol". F'din il-kapaċità, huwa ħadem għal aktar integrazzjoni tal-peniżola annessa illegalment tal-Krimea fi ħdan il-Federazzjoni Russa, u għalhekk huwa responsabbli għall-apoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p> <p>Fl-2017 għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol u fl-anniversarju tar-"referendum" illegali tal-Krimea. Huwa ikkommemora l-veterani tal-hekk imsejħa "unitajiet ta' awtodifiża" li ffaċilitaw l-iskjerament ta' forzi Russi fil-peniżola tal-Krimea qabel ma saret l-annessjoni illegali tagħha mill-Federazzjoni Russa, u appella biex Sevastopol issir il-Kapitali tan-Nofsinhar tal-Federazzjoni Russa.</p>	21.11.2017"